MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 516/2004

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Joseph Mangion u Terrence Mangion**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Marzu 2004, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-Awtorita` attrici s-somma ta' elf, mitejn u disa` u tletin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm1239.30), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax u bl-ispejjes kif hemmek mitluba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-Awtorita` attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-Awtorita` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Awtorita` attrici s-somma ta’ elf, mitejn u disa` u tletin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm1239.30), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------